

Brussell, 21 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15779/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0378 (NLE)**

**ECOFIN 1585
UEM 578
FIN 1434
ECB
EIB**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 731 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l- approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għas- Slovenja

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 731 final.

Mehmuż: COM(2025) 731 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.11.2025
COM(2025) 731 final

2025/0378 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għas-Slovenja

{SWD(2025) 380 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għas-Slovenja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reziljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP", recovery and resilience plan) mis-Slovenja fit-30 ta' April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tiegħu lill-Kunsill. Fit-28 ta' Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021")². Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tas-17 ta' Ottubru 2023³, tal-10 ta' Diċembru 2024⁴ u tal-20 ta' Ġunju 2025⁵.
- (2) Fis-7 ta' Novembru 2025, is-Slovenja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, is-Slovenja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mis-Slovenja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 68 miżura.
- (4) Is-Slovenja spjegat li erba' miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba nuqqas ta' domanda jew bidla fid-domanda. Dan jikkonċerna C3-IHL Proġetti ulterjuri għall-iskariku, it-trattament u l-użu mill-ġdid tal-ilma urban mormi,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>

² Ara d-dokumenti ST 10612/21 INIT; ST 10612/21 ADD 1.

³ Ara d-dokumenti ST 13615/23 INIT; ST 13615/23 REV 1 (en); ST 13615/23 ADD 1 REV 1.

⁴ Ara d-dokumenti ST 15989/24 INIT; ST 15989/24 ADD 1. ST 15989/24 COR 1 (ga).

⁵ Ara d-dokumenti ST 9591/25 INIT; ST 9591/25 ADD 1.

C3-IIL Proġetti ulterjuri ta' provvista u ffrankar tal-ilma tax-xorb, C11-IB L-iżvilupp sostenibbli tal-offerti ta' akkomodazzjoni turistika biex jiżied il-valur miżjud tat-turiżmu, u C17-ID L-effiċjenza enerġetika u d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija. Abbażi ta' dan, is-Slovenja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (5) Is-Slovenja spjegat li sitt miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni minħabba ċirkostanzi mhux previsti lil hinn mill-kontroll tal-Istat Membru. Dan jikkonċerna C3-IFL It-tnaqqis ulterjuri tar-riskji ta' għargħar u t-tnaqqis tar-riskju għal diżastri oħra relatati mal-klima, C4-ICL Iż-żieda ulterjuri tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja, C9-IC Appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni, il-produttività u l-kompetittività tal-kumpaniji, C9-ID Il-forniment ta' ekosistemi innovattivi ta' infrastruttura ekonomika u tan-negozju, C10-IC L-introduzzjoni ta' metodi ta' ħidma aktar flessibbli adattati għall-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità f'kumpaniji protetti u ċentri tal-impjiegi, u C15-ICL L-iżgurar ta' ambjent ta' għajxien sikur għall-persuni dipendenti. Abbażi ta' dan, is-Slovenja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (6) Is-Slovenja spjegat li ġew emendati 55 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' dawk il-miżuri. Dan jikkonċerna C1-ID Ristrutturar effiċjenti fl-enerġija tas-sistemi tat-tisħin distrettwali bl-użu ta' sorsi rinnovabbli, C1-IEL Produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, C1-IF Tisħiħ tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku (stazzjonijiet tat-trasformaturi), C1-IFL Tisħiħ tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku (network ta' vultaġġ baxx), C1-RA Riforma tal-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-Slovenja, C1-RB Riforma tal-provvista tal-elettriku biex jiġu promossi sorsi ta' enerġija rinnovabbli, C2-IB Rinnovazzjoni sostenibbli tal-bini, C2-IBL Kontinwazzjoni tar-rinnovazzjoni sostenibbli tal-bini, C2-RA Riforma tal-ippjanar u l-finanzjament tar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini fis-settur pubbliku, C3-IE Reżiljenza soċjali u ekonomika għal diżastri relatati mal-klima fir-Repubblika tas-Slovenja, C3-IG Ċentru għaż-żrieragħ, mixtliet u protezzjoni tal-foresti, C3-IH Proġetti ta' skariku u trattament tal-ilma urban mormi, C3-II Proġetti ta' provvista u ffrankar tal-ilma tax-xorb, C4-IC Żieda fil-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja, C4-ID Diġitalizzazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja u tat-toroq, C4-IE Promozzjoni tal-iskjerament ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi fit-trasport, C4-RA Riforma tal-organizzazzjoni tad-trasport pubbliku tal-passiġġieri, C4-RB Riforma dwar l-iskjerament ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, C5-IB Proġett Strateġiku Integrat għad-Dekarbonizzazzjoni tas-Slovenja permezz tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Ċirkolari, C5-IC Żieda fl-Ipproċessar tal-Injam biex Titħaffef it-Tranżizzjoni lejn Soċjetà Newtrali għall-Klima, C6-ID Proġetti transfruntiera u multinazzjonali - Infrastruttura u servizzi komuni tad-data Ewropej, C7-IG Modernizzazzjoni tal-ambjent diġitali tal-amministrazzjoni pubblika, C7-IH Infrastruttura Gigabit, C7-II Diġitalizzazzjoni tas-sigurtà interna, C7-IJ Diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni, ix-xjenza u l-isport, C7-IK Qafas ta' lokalizzazzjoni Slovena Ekoloġika, C7-IL It-tranżizzjoni diġitali fl-agrikoltura, l-ikel u l-forestrija, C7-IM Diġitalizzazzjoni fil-qasam tal-kultura, C7-IN Diġitalizzazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja, C7-RE L-iżgurar ta' ċibersigurtà, C7-IG Modernizzazzjoni tal-ambjent diġitali tal-amministrazzjoni pubblika, C8-IB Kofinanzjament ta' proġetti ta' innovazzjoni fir-riċerka b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u d-diġitalizzazzjoni, C8-IC Kofinanzjament ta' proġetti biex tissaħħaħ il-mobilità internazzjonali tar-riċerkaturi u l-organizzazzjonijiet ta'

riċerka Sloveni u biex jiġi promoss l-involvement internazzjonali tal-applikanti Sloveni, C8-ID Kofinanzjament ta' investimenti fi Proġetti pilota u ta' dimostrazzjoni RŻI, C10-ID Dħul aktar mgħaġġel taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, C10-RA Miżuri strutturali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-suq tax-xogħol, C11-ID Restawr sostenibbli u rivitalizzazzjoni tal-wirt kulturali u l-infrastruttura kulturali pubblika, C11-RA Tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli tat-turiżmu, C12-IE It-trasformazzjoni komprensiva tal-edukazzjoni ekoloġika u diġitali, C12-IF Proġetti pilota għar-riforma tal-edukazzjoni għolja għal tranżizzjoni ekoloġika u reżiljenti, C12-IG Tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn is-sistema edukattiva u s-suq tax-xogħol, C12-IH Infrastruttura edukattiva aktar ekoloġika fis-Slovenja, C12-IHL Aktar infrastruttura edukattiva aktar ekoloġika fis-Slovenja, C12-RA Rinovazzjoni tas-sistema edukattiva għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, C12-RB Riforma tal-edukazzjoni għolja għal tranżizzjoni ekoloġika u reżiljenti, C12-RC Modernizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali sekondarju u tal-edukazzjoni vokazzjonali, inklużi l-apprendistati, C13-RC Ħolqien ta' kundizzjonijiet sistemiċi għat- tkabbir tal-investment, C14-IB Tisħiħ tal-kompetenza tal-persunal tas-saħħa biex tiġi żgurata l-kwalità tal-kura, C14-IC Trasformazzjoni diġitali tal-kura tas-saħħa, C14-ID Aċċessibbiltà tas-sistema tas-saħħa, C14-IE Trattament effettiv ta' mard li jittieħed, C14-RA Riforma tas-sistema tal-kura tas-saħħa, C15-RA Stabbiliment ta' sistema unika għall-kura fit-tul, C16-IB Provvista ta' akkomodazzjoni pubblika għall-kiri, u C17-IC Tisħiħ tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku ta' vultaġġ medju. Abbażi ta' dan, is-Slovenja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħteġ li tiġi emendata skont dan.

- (7) Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, is-Slovenja talbet li tuża r-riżorsi liberati bit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' tliet miżuri. Dan jikkonċerna C3-IF It-tnaqqis tar-riskji ta' għargħar u t-tnaqqis tar-riskju għal diżastri oħra relatati mal-klima, C11-IC L-iżvilupp sostenibbli ta' infrastruttura tat-turiżmu pubblika u kondiviża u attrazzjonijiet naturali f'destinazzjonijiet turistiċi, u C17-IE REPowerEU l-promozzjoni tal-użu ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fit-trasport (fuq skala akbar). Abbażi ta' dan, is-Slovenja talbet li jiżded il-livell ta' implimentazzjoni ta' tliet miżuri.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri

- (8) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri f'pagamenti parzjali jenħteġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata mis-Slovenja.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (9) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribuzzjoni għall-oġettivi tar-REPowerEU

- (10) F'konformità mal-Artikolu 19(3) (da) u mal-Anness V, il-kriterju 2.12 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.

- (11) Minkejja t-talba tas-Slovenja biex tnaqqas il-livell tal-implimentazzjoni tagħha ta' miżura waħda, il-kapitolu REPowerEU għadu koerenti mal-qafas ta' politika tas-Slovenja li għandu l-għan li jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jżid is-sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Il-miżuri jsaħħu wkoll dawk inklużi fl-RRP oriġinali dwar il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, it-trasport b'emissjonijiet zero, u jżidu s-sehem tal-enerġija rinnovabbli.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (12) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 45,03 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 85,49 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (13) Il-miżuri mnaqqsa fl-iskala ma għandhomx impatt fuq l-ambizzjoni ġenerali tal-pjan rigward it-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità. Il-Kapitolu REPowerEU jkompli jipprovdi appoġġ addizzjonali għat-tranżizzjoni ekoloġika tas-Slovenja, peress li r-riforma u l-investimenti kollha jikkontribwixxu b'mod integrali għall-aċċellerazzjoni tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u b'hekk inaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u jnaqqsu t-tniġġis tal-arja, kif ukoll iżidu l-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija. Il-miżuri fil-pjan għadhom mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jiffaċilitaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll ikompli jżidu l-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja u jiżguraw it-tnaqqis tar-riskji ta' għargħar fis-Slovenja u b'hekk jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri klimatiċi għall-2030 u l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (14) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 23,46 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (15) L-emendi għall-miżuri ma għandhomx impatt fuq l-ambizzjoni ġenerali tal-pjan fir-rigward tat-tranżizzjoni diġitali. L-RRP modifikat ikompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika u tan-negozji, inkluż billi jiżviluppa l-infrastruttura meħtieġa (jibni l-konnettività, il-cloud u jtejjeb iċ-ċibersigurtà), juża soluzzjonijiet u servizzi diġitali avvanzati u faċli għall-utent, kif ukoll jittrasforma l-proċessi tan-negozju u jagħlaq id-distakk diġitali għall-kumpaniji aktar tradizzjonali.

Il-kalkolu tal-kostijiet

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmati tal-RRP hija sa ċertu punt medju (klassifikazzjoni B)

raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (17) Skont l-informazzjoni pprovduta, il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet għall-investimenti riveduti turi li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli. Is-Slovenja pproponiet li tagħmel bidliet fl-allokazzjoni bejn is-self u l-għotjiet, u b'hekk tnaqqas l-ammont globali ta' self. Ġew allokati riżorsi addizzjonali għal miżuri bi prestazzjoni tajba filwaqt li l-allokazzjonijiet tnaqqsu f'każijiet fejn il-miżuri ffaċċjaw riskji. Is-Slovenja pprovdiet spjegazzjonijiet suffiċjenti, li jinkludu prinċipalment ir-riżultati tal-offerti u tas-sejħiet għal proposti mnedija għall-finijiet tal-RRP. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-modifika tiżgura li l-bidliet fil-miri jkunu proporzjonati mal-bidliet fil-finanzjament. Barra minn hekk, il-bidliet fil-kostijiet stmati għall-miżuri emendati kienu ġġustifikati u proporzjonali u bħala tali r-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' dawn il-kostijiet stmati ma nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Is-Slovenja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-istimi tal-kostijiet totali mhuwiex kopert minn finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat huma konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huma proporzjonati mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (18) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa mis-Slovenja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għas-Slovenja rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (db), (g), (h), (j) u (k).

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-obiettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)

- (19) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jstabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP")⁶, is-Slovenja qieset bħala kwistjoni ta' prijorità proġetti li jkunu ngħataw Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2024/795. Madankollu, is-Slovenja qieset li l-ebda proġett li ngħataw Siġill tas-Sovranità ma kellu jiġi inkluż fl-RRP emendat minħabba li l-proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità ma jkoprux iż-żoni li b'din ir-reviżjoni ġew affetwati fuq skala akbar.

Valutazzjoni pożittiva

- (20) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u għandu jiġi stabbilit l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

⁶ ĠU L, 2024/795, 29.2.2024.

- (21) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tas-Slovenja huma ta' EUR 2 139 101 704. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għas-Slovenja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, u mal-Artikolu 20(4) u mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat tas-Slovenja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 1 612 948 340. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għas-Slovenja tibqa' l-istess.

Għoti ta' self

- (22) Sabiex jiġu appoġġati riformi u investimenti addizzjonali, sar disponibbli għas-Slovenja appoġġ totali ta' self ta' EUR 613 247 438 permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021. Wara t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tas-C3-IHL Proġetti ulterjuri għall-iskariku, it-trattament u l-użu mill-ġdid tal-ilma urban mormi, C3-IIL Proġetti ulterjuri ta' provvista u ffrankar tal-ilma tax-xorb, C3-IFL It-tnaqqis ulterjuri tar-riskji ta' għargħar u t-tnaqqis tar-riskju għal diżastri oħra relatati mal-klima, C4-ICL Iż-żieda ulterjuri tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja u C15-ICL L-iżgurar ta' ambjent ta' għajxien sikur għall-persuni dipendenti, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament 2021/241, is-Slovenja ma talbitx li tuża r-riżorsi ta' self liberati biex tappoġġa miżuri ġodda jew biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri eżistenti fl-RRP. L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa inqas mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għas-Slovenja u l-appoġġ fil-forma ta' self li kien sar disponibbli għas-Slovenja permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021. Għalhekk, l-appoġġ totali fil-forma ta' self disponibbli għas-Slovenja jenħtieġ li jitnaqqas għal EUR 525 585 704.
- (23) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.
- (24) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħlief il-Faċilità jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tirkibx fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tas-Slovenja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Artikolu 2
Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għas-Slovenja hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tagħmel disponibbli self lis-Slovenja li jammonta għal massimu ta' EUR 525 585 704.”;

(2) l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għas-Slovenja huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tas-Slovenja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President